Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' Lulju 2026**
**(OR. en)**

**12011/26**

**DUAL USE 53**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 25 ta' Ġunju 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2026) 296 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL<br>dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/821 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-transitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 296 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 296 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.6.2026
COM(2026) 296 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/821 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-transitu u t-trasferiment ta’ oġġetti b’użu doppju

{SWD(2026) 162 final}

MT MT

## 1. INTRODUZZJONI U SOMMARJU EŻEKUTTIV

### 1.1. Introduzzjoni

Dan ir-rapport jipprovdi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-kontrolli tal-esportazzjoni tal-UE u tar-Regolament rivedut (UE) 2021/821 tad-19 ta' Mejju 2021 ("ir-Regolament dwar l-Oġġetti b'Użu Doppju" jew "ir-Regolament")[1] għall-kontroll tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju fl-2024, flimkien mad-data dwar il-kontroll tal-esportazzjoni aggregata tal-UE u tal-Istati Membri għall-2024.

Dan ir-rapport annwali jirrifletti d-determinazzjoni tal-UE skont ir-Regolament li ttejjeb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet ta' liċenzjar tal-Istati Membri fil-qasam tal-kontrolli tal-esportazzjoni bl-objettiv li tiżdied it-trasparenza.

Kif meħtieġ skont ir-Regolament u biex jittejjeb il-proċess tal-ġbir ta' data, fis-17 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni ppubblikat linji gwida li ntlaħaq qbil fuqhom mal-Istati Membri li jistabbilixxu metodoloġija għall-ġbir u għall-ipproċessar tad-data dwar il-liċenzjar u data oħra fid-dawl tat-tħejjija tar-rapport annwali tal-UE dwar il-kontrolli tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju[2]. F'dan l-isfond, dan ir-rapport tħejja mill-Kummissjoni b'kontribut miġbur mill-Istati Membri[3] fil-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar Oġġetti b'Użu Doppju (DUCG). Minħabba l-volum tagħha, id-data għas-sena 2024 ipprovduta mill-Istati Membri hija ppreżentata f'format konsolidat fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport annwali.

### 1.2 Sommarju eżekuttiv

Fl-2024, il-valur totali tal-kummerċ awtorizzat ta' oġġetti b'użu doppju ammonta għal EUR 77,6 biljun, li jirrappreżenta 3 % tat-total ta' esportazzjonijiet ta' merkanzija barra l-UE[4]. It-tipi ta' liċenzji bl-ogħla ponderazzjoni kienu awtorizzazzjonijiet globali ta' esportazzjoni (EUR 36,5 biljun), awtorizzazzjonijiet individwali għall-esportazzjoni (EUR 24 biljun) u awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-UE (EUR 9 biljun).

F'termini ta' volum, il-kummerċ ta' oġġetti b'użu doppju għall-2024 jikkorrispondi għal 133 470 awtorizzazzjoni u notifika. Il-biċċa l-kbira tat-tranżazzjonijiet jaqgħu taħt l-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-UE (89 388), imbagħad l-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni nazzjonali (23 406) u sussegwentement il-liċenzji individwali (18 549).

[1] Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (riformulazzjoni) – (ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1): https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/821/oj.

[2] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/214 tal-10 ta' Jannar 2024 dwar linji gwida li jistabbilixxu l-metodoloġija għall-ġbir u l-ipproċessar tad-data għat-tħejjija tar-rapport annwali dwar il-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju skont ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 2024/214, 17.1.2024): http://data.europa.eu/eli/reco/2024/214/oj.

[3] L-awtoritajiet kompetenti ta' xi Stati Membri jirrapportaw pubblikament ukoll dwar il-kummerċ ta' oġġetti b'użu doppju.

[4] Dan jinkludi data volontarja dwar l-użi tal-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni nazzjonali u l-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-UE.

Fl-istess sena, ġew irrapportati 487 ċaħda għal valur ta' EUR 0,2 biljun, li jindikaw li porzjon żgħir biss tal-esportazzjonijiet tal-UE ġie miċħud (0,01 % tal-valur totali tal-esportazzjonijiet barra l-UE ta' merkanzija dik is-sena).

Ir-rapport jipprovdi informazzjoni kombinata mid-data disponibbli. Minħabba l-prattiki u t-tipi differenti ta' awtorizzazzjonijiet f'kull Stat Membru, dan ma jipprovdix diżaggregazzjoni preċiża tal-kummerċ awtorizzat skont it-tip ta' oġġett jew destinazzjoni għall-awtorizzazzjonijiet globali ta' esportazzjoni, li jirrappreżentaw 47 % tal-valur awtorizzat fl-2024. Minkejja dan, xorta huwa utli li jiġu kkunsidrati x-xejriet għat-tipi l-oħrajn ta' awtorizzazzjonijiet (awtorizzazzjonijiet individwali u ġenerali għall-esportazzjoni), li jirrappreżentaw 44 % tal-valur awtorizzat.

Fl-2024, l-ogħla valuri ta' awtorizzazzjonijiet individwali u ġenerali għall-esportazzjoni (l-Illustrazzjoni 1) ikkorrispondew għall-entrati li ġejjin: Materjali, faċilitajiet, impjanti u tagħmir nukleari (22 %), Oġġetti u tagħmir għas-sigurtà tal-informazzjoni u tal-kriptoanaliżi (21 %), Tagħmir għall-manifattura u għall-ittestjar ta' apparat jew materjali tas-semikondutturi (9 %), Magni ajruspazjali u turbini tal-gass (ħlief vettura tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAV)) (8 %), Oħrajn/oġġetti mhux elenkati (8 %). B'mod ġenerali, il-lista tat-tipi ta' oġġetti fl-Illustrazzjoni 1 tirrappreżenta 90 % tal-valur ta' dawn l-awtorizzazzjonijiet.




*Illustrazzjoni 1: L-aqwa tipi ta' oġġetti kklassifikati skont il-valur tal-awtorizzazzjonijiet individwali u ġenerali għall-esportazzjoni*

Id-destinazzjonijiet ewlenin għall-awtorizzazzjonijiet individwali u ġenerali għall-esportazzjoni (l-Illustrazzjoni 2) huma ċ-Ċina (25 %), l-Istati Uniti tal-Amerka (21 %), ir-Renju Unit (7 %), il-Korea t'Isfel (7 %) u l-Ukrajna (3 %). Din il-klassifikazzjoni hija influwenzata mill-ponderazzjoni tal-Awtorizzazzjonijiet Ġenerali għall-Esportazzjoni (GEA) tal-UE, b'mod partikolari l-EU001 (EUR 8,6 biljun), li jammontaw għal sehem kbir mill-*valur* totali awtorizzat skont l-awtorizzazzjonijiet ta' esportazzjoni. B'riżultat ta' dan, id-destinazzjonijiet speċifikati fl-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni, u b'mod partikolari l-GEA EU001 tal-UE, jidhru b'mod prominenti fil-klassifikazzjoni, filwaqt li l-lista ma tirriflettix bis-sħiħ l-importanza ta' ċerti destinazzjonijiet li jirċievu *volumi* sinifikanti ta' esportazzjonijiet taħt awtorizzazzjonijiet globali ta' esportazzjoni, bħat-Tajwan, il-Brażil, Singapore u Iżrael. B'mod ġenerali, il-lista ta' destinazzjonijiet fl-Illustrazzjoni 2 tirrappreżenta 90 % tal-valur tal-awtorizzazzjonijiet individwali u ġenerali għall-esportazzjoni.




*Illustrazzjoni 2: L-aqwa destinazzjonijiet barra l-UE skont il-valur tal-awtorizzazzjonijiet individwali u ġenerali għall-esportazzjoni*

Barra minn hekk, l-Istati Membri rrapportaw għadd stabbli ta' persunal li jaħdem fuq l-amministrazzjoni u fuq l-infurzar tar-Regolament fl-2024 meta mqabbel mal-2023. Ta' min jinnota wkoll li l-għadd ta' każijiet ta' ksur irrapportati żdied minn 192 fl-2023 għal 270 fl-2024. F'dan il-kuntest, il-penali jew il-multi amministrattivi u kriminali imposti (minn

kwalunkwe aġenzija tal-infurzar nazzjonali rilevanti) għall-ksur tar-regolamenti dwar il-kontroll tal-esportazzjoni żdiedu minn 122 fl-2023 għal 144 fl-2024.

Ir-rapport jagħti attenzjoni partikolari lil-liċenzjar ta' oġġetti taċ-ċibersorveljanza bħala parti mill-impenn tal-UE li tindirizza b'mod effettiv ir-riskju li l-oġġetti taċ-ċibersorveljanza jintużaw b'rabta mar-repressjoni interna u/jew mat-twettiq ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali. Fl-2024, l-Istati Membri rċevew total ta' 320 applikazzjoni għall-esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti. L-ogħla ċifra kienet għall-entrata Sistemi ta' interċettazzjoni tat-telekomunikazzjoni (233 applikazzjoni). Fl-istess perjodu, inħarġu 293 awtorizzazzjoni u 13-il ċaħda. Dawk iċ-ċifri juru wkoll għadd pjuttost stabbli ta' liċenzji għall-oġġetti taċ-ċibersorveljanza meta mqabbla mal-2023[5], filwaqt li l-għadd ta' ċaħdiet deher li kien qed jonqos[6].

Bħala parti mid-diversi attivitajiet li nbdew fl-2024, il-Kummissjoni u l-Istati Membri komplew jiffukaw fuq l-issodisfar tar-rekwiżiti u l-mandati skont ir-Regolament rivedut. Dan jinkludi t-tkomplija tal-ħidma fid-diversi gruppi ta' esperti tekniċi lejn kontrolli msaħħa fuq oġġetti taċ-ċibersorveljanza, l-infurzar tal-kontrolli tal-esportazzjoni, il-ħidma fuq it-teknoloġiji emerġenti u l-iżvilupp ta' programmi ta' bini tal-kapaċitajiet u taħriġ tal-UE għall-awtoritajiet tal-liċenzjar u tal-infurzar tal-Istati Membri.

Dawn l-azzjonijiet skont ir-Regolament dwar l-Oġġetti b'Użu Doppju se jippermettu wkoll lill-UE tikkoopera b'mod aktar effettiv mas-sħab sabiex tippromwovi l-konverġenza globali tal-kontrolli, tnaqqas il-frizzjonijiet fil-kummerċ, iżżid il-prevedibbiltà għan-negozji, tippromwovi l-valuri tal-UE u tiddefendi l-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

[5] Fl-2023, inħarġu 330 liċenzja għal oġġetti taċ-ċibersorveljanza.
[6] Fl-2023, inħarġu 20 ċaħda għal oġġetti taċ-ċibersorveljanza.

## 2. EVOLUZZJONI TAL-QAFAS TAL-POLITIKA U DAK REGOLATORJU

### 2.1. Politika dwar il-kontroll tal-esportazzjoni

2.1.1 Implimentazzjoni effettiva tal-kontrolli tal-esportazzjoni tal-UE skont ir-Regolament dwar l-Oġġetti b'Użu Doppju

Fl-2024, il-Kummissjoni u l-Istati Membri komplew l-implimentazzjoni tar-Regolament f'għadd ta' oqsma ġodda, bħat-trasparenza, l-infurzar u l-bini tal-kapaċitajiet. Id-DUCG kellu rwol ewlieni, kif deskritt fit-Taqsima 3 hawn taħt, u espanda l-"infrastruttura istituzzjonali" għall-kontrolli tal-esportazzjoni tal-UE permezz tal-attivitajiet ta' diversi gruppi ta' esperti biex jiġu żviluppati politiki, linji gwida, proċeduri ġodda, eċċ.

Ir-Regolament jagħmel enfasi wkoll fuq il-kontroll tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċibersorveljanza. Dan jindirizza r-riskju potenzjali li tali oġġetti jiġu esportati mill-Unjoni Ewropea bl-intenzjoni li jintużaw ħażin b'rabta ma' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew tad-dritt umanitarju internazzjonali. Huwa f'dan il-kuntest li l-Kummissjoni, fis-16 ta' Ottubru 2024, ippubblikat linji gwida dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti taċ-ċibersorveljanza skont l-Artikolu 5 tar-Regolament biex tipprovdi ċarezza primarjament għall-esportaturi dwar kif għandhom iwettqu d-diliġenza dovuta u l-kontrolli tal-konformità interna qabel ma jesportaw oġġetti taċ-ċibersorveljanza[7].

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2659 tal-11 ta' Ottubru 2024 dwar linji gwida dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti ta' sorveljanza ċibernetika skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, C/2024/7035 (ĠU L 2024/2659, 16.10.2024): http://data.europa.eu/eli/reco/2024/2659/oj.

### 2.1.2 Kontrolli tal-esportazzjoni skont il-White Paper tal-Kummissjoni

Il-White Paper tal-Kummissjoni, li ġiet ippubblikata fl-24 ta' Jannar 2024, ipproponiet azzjonijiet fuq terminu qasir u medju biex tittejjeb il-koordinazzjoni tal-kontrolli tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju fl-UE. Fost il-miżuri ewlenin proposti mill-Kummissjoni kien hemm (1) l-inklużjoni fil-lista ta' kontroll tal-UE (l-Anness I) ta' oġġetti b'użu doppju li ma kinux soġġetti għal kontrolli fir-reġimi multilaterali minħabba dewmien fit-teħid tad-deċiżjonijiet; (2) forum ta' livell għoli għall-koordinazzjoni politika dwar il-kontrolli tal-esportazzjoni; (3) mekkaniżmu biex jiġu kkoordinati aħjar listi ta' kontroll nazzjonali ġodda; u (4) evalwazzjoni bikrija tar-Regolament tal-UE dwar l-Oġġetti b'Użu Doppju. Il-White Paper kienet soġġetta għal konsultazzjoni pubblika li damet għaddejja mit-2 ta' Frar sat-30 ta' April 2024, u li għaliha waslu 23 tweġiba, li infurmat lid-deliberazzjonijiet interni tal-Kummissjoni. Mill-pubblikazzjoni tal-White Paper, il-Kummissjoni kienet qed tagħmel progress b'mod attiv fuq kull waħda minn dawk il-miżuri. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea wieġeb għall-White Paper fil-Konklużjonijiet tiegħu adottati fir-rebbiegħa tal-2024[8].

### 2.1.3 Restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni li jikkonċernaw il-prodotti destinati għar-Russja

Matul l-2024, l-Unjoni Ewropea kompliet tirrestrinġi b'mod attiv ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju fil-kuntest ta' sanzjonijiet kontra r-Russja, inkluż permezz tal-adozzjoni ta' tliet pakketti ta' sanzjonijiet, b'mod partikolari l-espansjoni tar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni fuq "oġġetti ta' teknoloġija avvanzata" b'użu doppju, fid-dawl tal-informazzjoni mill-kamp tal-battalja, u l-immirar ta' entitajiet assoċjati mal-faċilitajiet tal-industrija militari tar-Russja kemm fir-Russja kif ukoll f'pajjiżi mhux tal-UE[9]. F'Settembru 2024, il-Kummissjoni ppubblikat gwida għall-industrija li kienet ġiet żviluppata u ntlaħaq qbil fuqha mill-membri tal-G7 u mill-Kummissjoni, biex tgħin lill-industrija tidentifika aħjar il-prattiki ta' evażjoni tas-sanzjonijiet tar-Russja, biex tipproteġi t-teknoloġija tal-G7 minn miżapproprjazzjoni, tipprevjeni l-ħsara għar-reputazzjoni u ttaffi r-riskju ta' responsabbiltà filwaqt li tappoġġa l-effettività tal-kontrolli tal-esportazzjoni u s-sanzjonijiet[10].

Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri kienu parteċipanti attivi fil-koalizzjoni globali dwar is-sanzjonijiet fuq ir-Russja (GECC)[11], li għandha 39 membru li implimentaw kontrolli tal-esportazzjoni sostanzjalment simili b'rispons għall-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja fi Frar 2022. Il-GECC għandha l-għan li taqta' lir-Russja u lill-Belarussja mill-komoditajiet, mit-teknoloġiji u mis-software meħtieġa biex isostnu l-aggressjoni tagħhom fl-Ukrajna, filwaqt li ċċaħħad lis-setturi tad-difiża, ajruspazjali u marittimi tagħhom minn materjali ewlenin.

### 2.1.4 Kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE fl-2024

[8] Il-Kunsill Ewropew, Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew (ST 9439 2024 COR 1).

[9] Il-Kunsill tal-UE, Stqarrija għall-istampa "Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna: l-UE tadotta l-15-il pakkett ta' miżuri restrittivi":https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2024/12/16/russia-s-war-of-aggression-against-ukraine-eu-adopts-15th-package-of-restrictive-measures/.

[10] Preventing Russian Export Control and Sanctions Evasion: Updated Guidance for Industry: https://finance.ec.europa.eu/news/sanctions-vis-vis-russia-commission-publishes-g7-industry-guidance-preventing-sanctions-evasion-2024-09-24_en.

[11] Il-membri tal-GECC huma l-Awstralja, il-Kanada, is-27 Stat Membru tal-UE, l-Iżlanda, il-Ġappun, il-Liechtenstein, New Zealand, in-Norveġja, il-Korea t'Isfel, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti u t-Tajwan.

Is-sitt laqgħa ministerjali tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti (TTC) saret f'Leuven bejn l-4 u l-5 ta' April 2024[12]. Kemm l-UE kif ukoll l-Istati Uniti rrikonoxxew ir-rwol tat-TTC bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-koordinazzjoni tal-kontrolli tal-esportazzjoni imposti b'reazzjoni għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja u ddeċidew li jallinjaw ulterjorment il-prijoritajiet rispettivi tagħhom[13].

Bejn it-8 u d-9 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni ospitat ir-Raba' Djalogu dwar il-Governanza tal-Kontroll tal-Esportazzjoni fi Brussell taħt it-titolu "Catch-all Controls and Recommendations on Related Internal Compliance Programs for Companies", organizzat fl-ambitu tal-programm tal-kontroll tal-esportazzjoni bejn il-pari tal-UE (EUP2P) u li kien jinvolvi l-pajjiżi u l-organizzazzjonijiet sħab. Id-Djalogu serva biex isaħħaħ in-networking, iżid is-sensiblizzazzjoni u jibni l-kapaċità fost il-pajjiżi sħab tal-EUP2P u l-partijiet ikkonċernati rilevanti fir-rigward tal-implimentazzjoni u tal-applikazzjoni prattika tal-kontrolli tal-esportazzjoni onnikomprensivi u l-prattiki ta' konformità relatati fl-ambitu tal-oqfsa strateġiċi ta' kontroll tal-kummerċ tal-UE.

Finalment, l-UE u n-Norveġja organizzaw Djalogu bejn l-UE u n-Norveġja dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni fis-6 ta' Frar 2024. Il-partijiet iddiskutew l-iżviluppi regolatorji fil-qasam tal-kontrolli tal-esportazzjoni, ikkondividew il-fehmiet tagħhom dwar id-destinazzjonijiet ta' tħassib u ddiskutew is-sanzjonijiet kontra r-Russja. In-Norveġja infurmat lill-UE bil-pjanijiet tagħha li tistabbilixxi dipartiment ġdid għall-kontroll tal-esportazzjoni u s-sanzjonijiet (DEKSA) li se jkun inkarigat mill-analiżi, mil-liċenzjar u mill-infurzar.

## 2.2. Aġġornamenti tal-lista ta' kontroll tal-UE

Il-lista ta' kontroll tal-UE fl-Anness I tar-Regolament essenzjalment tipprovdi lista ta' oġġetti b'użu doppju, inklużi s-software u t-teknoloġija, li huma soġġetti għal kontrolli minħabba l-użu potenzjali tagħhom kemm għal finijiet ċivili kif ukoll militari. Il-lista tiġi aġġornata fuq bażi regolari biex tirrifletti l-bidliet fir-reġimi multilaterali għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, bħall-Ftehim ta' Wassenaar, il-Grupp Awstralja, il-Grupp ta' Fornituri Nukleari u s-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (MTCR).

Fil-5 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni adottat aġġornament annwali tal-Anness I, li daħal fis-seħħ fit-8 ta' Novembru 2024, li jġib ir-Regolament tal-UE dwar l-Oġġetti b'Użu Doppju f'konformità mad-deċiżjonijiet li ttieħdu formalment bħala parti mir-reġimi multilaterali fl-2023[14]. Il-lista aġġornata tinkludi entrati ġodda fil-qasam tal-impjanti u tat-tagħmir nukleari, kif ukoll tossini, prekursuri kimiċi u tagħmir għat-tnaqqis tal-istorbju addizzjonali.

---

[12] F'Ġunju 2021, l-UE u l-Istati Uniti stabbilew il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija, li ltaqa' għall-ewwel darba f'Pittsburgh fid-29 ta' Settembru 2021 u qablu fuq dikjarazzjoni konġunta ambizzjuża, bl-inklużjoni tal-kooperazzjoni dwar il-kontroll tal-esportazzjoni. Wieħed mill-għaxar gruppi ta' ħidma tiegħu huwa ddedikat għall-kontrolli tal-esportazzjoni, għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u għall-ħidma fuq suġġetti bħall-iżviluppi leġiżlattivi u regolatorji, il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-prattiki tajbin tal-liċenzjar, kif ukoll fuq approċċi għall-konformità tal-industrija u l-infurzar. Barra minn hekk, dan il-grupp ta' ħidma għandu l-għan li jippromwovi approċċi ta' kontroll konverġenti dwar teknoloġiji b'użu doppju sensittivi u li jwettaq attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-industrija konġunti fuq il-kontrolli tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju.

[13] Stqarrija għall-istampa: "L-UE u l-Istati Uniti jkomplu l-kooperazzjoni kummerċjali u teknoloġika b'saħħitha fi żmien ta' sfidi globali", 5 ta' April 2024: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_24_1827.

[14] IR-REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) …/… li jemenda r-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' oġġetti b'użu doppju: https://policy.trade.ec.europa.eu/news/2025-update-eu-control-list-dual-use-items-2025-09-08_en.

## 2.3. Miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni u ta' infurzar

Ir-Regolament dwar l-Oġġetti b'Użu Doppju jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha. Dan jinkludi, fl-Anness I tiegħu, lista komuni ta' oġġetti derivati mir-reġimi multilaterali għall-kontroll tal-esportazzjonijiet li jridu jiġu soġġetti għal kontrolli fl-Istati Membri kollha. Madankollu, jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jieħdu ċerti miżuri biex jimplimentaw dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolament, u dan jirrikjedi li l-informazzjoni dwar tali miżuri nazzjonali tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-pubblikazzjoni tiżgura t-trasparenza tar-regoli applikabbli u tirrifletti l-isforzi tal-UE biex tappoġġa l-implimentazzjoni konsistenti u effettiva tal-kontrolli mill-esportaturi fl-UE kollha.

In-Nota ta' Informazzjoni ppubblikata fit-2 ta' Ottubru 2024[15] ipprovdiet informazzjoni mill-Istati Membri dwar kif jagħmlu użu mill-possibbiltajiet previsti fir-Regolament inkluża l-estensjoni tal-kontrolli fuq is-senserija u t-tranżitu, l-estensjoni tal-kontrolli għal oġġetti mhux elenkati minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika u kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, l-introduzzjoni ta' awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni nazzjonali u l-applikazzjoni ta' kontrolli ta' trasferimenti intra-UE għal oġġetti mhux elenkati.

## 2.4 Esportazzjonijiet mill-Irlanda ta' Fuq

L-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju mill-UE lejn ir-Renju Unit saru soġġetti għal kontroll skont ir-Regolament wara t-tluq tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2021[16]. Hemm stabbiliti arranġamenti speċifiċi fil-Protokoll tal-Irlanda ta' Fuq (NI)[17], li jipprovdi li r-Regolament japplika għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq[18], u r-Renju Unit jaġixxi bħala awtorità kompetenti skont ir-Regolament għall-esportazzjonijiet mill-Irlanda ta' Fuq lejn pajjiżi mhux tal-UE. Il-Kummissjoni żviluppat għodda elettronika sigura dedikata biex tappoġġa l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtorità kompetenti tar-Renju Unit inkarigata mill-applikazzjoni tar-Regolament fir-rigward tal-fluss ta' merkanzija fl-Irlanda ta' Fuq u minnha, li ntużat matul l-2024. Din tippermetti lill-awtoritajiet tar-Renju Unit jaċċessaw informazzjoni dwar ċaħdiet għal tranżazzjonijiet essenzjalment identiċi maħruġa mill-Istati Membri tal-UE u li jwettqu konsultazzjoni bilaterali mal-Istati Membri emittenti, kif previst mir-Regolament.

# 3. ATTIVITAJIET TAL-GRUPP TA' KOORDINAZZJONI DWAR OĠĠETTI B'UŻU DOPPJU

Il-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar Oġġetti b'Użu Doppju (DUCG), ippresedut mill-Kummissjoni, ilaqqa' esperti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri biex jeżaminaw kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna l-applikazzjoni tal-kontrolli tal-esportazzjoni.[19] Fl-2024, id-DUCG organizza tmien laqgħat: fis-16 ta' Jannar, fl-14 ta' Marzu, fis-16 ta' Mejju, fit-3 ta' Lulju, fit-12 ta' Settembru, fl-4 ta' Ottubru, fis-6 ta' Novembru u fil-11 ta' Diċembru.

[15] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:C_202405881.
[16] Sadanittant, ir-Renju Unit żdied mal-Awtorizzazzjoni Ġenerali għall-Esportazzjoni tal-UE EU001.
[17] ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ").
[18] L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll NI u t-Taqsima 47 tal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.
[19] Dan ir-rapport huwa wkoll ir-rapport annwali meħtieġ mir-Regolament dwar l-attivitajiet, l-eżamijiet u l-konsultazzjonijiet tad-DUCG.

### 3.1. Konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' implimentazzjoni - skambju ta' informazzjoni ġenerali

Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fid-DUCG skambjaw informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' kontroll tal-esportazzjoni, b'mod partikolari rigward:

- l-implimentazzjoni ta' trasferimenti tat-teknoloġija intanġibbli (ITT);

- liċenzji ġenerali nazzjonali;

- awtorizzazzjonijiet għal proġetti kbar;

- id-definizzjoni ta' "esportatur";

- l-interpretazzjoni tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament;

- l-implimentazzjoni ta' kontrolli ta' tranżitu;

- l-implimentazzjoni ta' kontrolli ta' assistenza teknika;

- ir-riesportazzjoni ta' merkanzija tal-Unjoni 'l barra minn pajjiżi mhux tal-UE; u

- it-trattament tal-merkanzija li tiddaħħal temporanjament fl-Unjoni.

### 3.2 Linji gwida

Wara diskussjonijiet fi ħdan id-DUCG, il-Kummissjoni ppubblikat linji gwida għall-esportaturi tat-teknoloġiji taċ-ċibersorveljanza u linji gwida għall-ġbir u għall-ipproċessar tad-data dwar il-kontrolli tal-esportazzjoni.

L-ewwel, il-Kummissjoni ppubblikat linji gwida dwar il-ġbir u l-ipproċessar tad-data għall-kontrolli tal-esportazzjoni fis-17 ta' Jannar 2024[20]. Dawk il-linji gwida jistabbilixxu proċeduri dettaljati għall-ġbir ta' data dwar il-liċenzjar mill-awtoritajiet nazzjonali biex jittejbu t-trasparenza u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni. Dan jippermetti li r-rapport annwali tal-UE dwar il-kontroll tal-esportazzjoni jinkludi statistika aktar dettaljata dwar l-awtorizzazzjonijiet u ċ-ċaħdiet. Billi jtejbu r-rapportar pubbliku, il-linji gwida għandhom l-għan li jipprovdu lill-esportaturi, lis-soċjetà ċivili u lill-pubbliku bi stampa aktar ċara tal-implimentazzjoni tal-kontroll tal-esportazzjoni tal-UE, jappoġġaw id-djalogu ma' pajjiżi mhux tal-UE u jippromwovu prattiki ta' rapportar tajjeb fuq livell internazzjonali.

It-tieni, fis-16 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni ppubblikat linji gwida għall-esportaturi ta' oġġetti taċ-ċibersorveljanza bl-intenzjoni li żżid is-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji li tali oġġetti jintużaw ħażin u li tipprovdi lill-esportaturi b'għodod prattiċi biex jivvalutaw l-impatti possibbli

[20] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/214 tal-10 ta' Jannar 2024 dwar linji gwida li jistabbilixxu l-metodoloġija għall-ġbir u l-ipproċessar tad-data għat-tħejjija tar-rapport annwali dwar il-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it- tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju skont ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 2024/214, 17.1.2024): http://data.europa.eu/eli/reco/2024/214/oj.

fuq id-drittijiet tal-bniedem ta' tali użu ħażin[21]. Il-linji gwida għandhom l-għan li jagħmlu l-kontrolli tal-esportazzjoni tal-UE aktar effettivi u konsistenti madwar l-Istati Membri billi jgħinu lill-esportaturi jwettqu kontrolli tad-diliġenza dovuta permezz ta' approċċ pass pass għall-iskrinjar tat-tranżazzjonijiet. Il-linji gwida jsaħħu l-pilastru "protezzjoni" tal-istrateġija Ewropea ta' sigurtà ekonomika tal-2023 billi jippromwovu prattiki ta' esportazzjoni responsabbli u siguri.

### 3.3 Skambju tekniku ta' informazzjoni – gruppi ta' esperti tekniċi

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fid-DUCG ipprovdew għarfien espert tekniku li jappoġġa l-aġġornamenti tal-lista ta' kontroll tal-UE, u involvew ruħhom f'diskussjonijiet dwar diversi kwistjonijiet speċifiċi ta' implimentazzjoni, kif imsemmi hawn fuq.

Taħt il-koordinazzjoni tal-Kummissjoni, id-DUCG ħa wkoll inizjattivi biex jindirizza ċerti kwistjonijiet tekniċi ta' implimentazzjoni. Ir-rwol speċifiku tal-gruppi ta' esperti tekniċi issa huwa rikonoxxut fl-Artikolu 24(3) tar-Regolament.

Il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni tal-infurzar (ECM), stabbilit f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament, iltaqa' sitt darbiet fl-2024 biex jappoġġa l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni diretta bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-aġenziji tal-infurzar tal-Istati Membri.

Finalment, il-Grupp ta' Esperti Tekniċi għall-Bini tal-Kapaċitajiet (CB-TEG) organizza t-tielet u r-raba' laqgħa ta' progress tiegħu fit-13 ta' Marzu u fis-17 ta' Mejju 2024, li kienu ddedikati, rispettivament, għall-identifikazzjoni tal-prijoritajiet għall-2024 u għall-għażla tas-suġġett għall-avveniment annwali tal-bini tal-kapaċitajiet u għall-istabbiliment tat-timijiet inkarigati mill-organizzazzjoni tiegħu. Sussegwentement, fit-18 ta' Settembru 2024, f'Budapest, sar seminar tekniku dwar il-bini tal-kapaċitajiet tal-UE dwar miżuri restrittivi għal oġġetti b'użu doppju, ospitat mill-Presidenza Ungeriża, eżatt wara s-17-il seminar ta' liċenzjar taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) u l-Amministrazzjoni Nazzjonali tas-Sigurtà Nukleari tal-Istati Uniti (NNSA)22 dwar l-istess suġġett iżda b'lekċers komplementari u b'attendenza mhux mill-UE aktar estiża.

### 3.4 Appoġġ tekniku għat-tħejjija ta' aġġornamenti tal-lista ta' kontroll tal-UE u miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali

Fl-14 ta' Marzu 2024, id-DUCG organizza sessjoni ta' informazzjoni teknika biex jappoġġa t-tħejjija tal-proposta għal regolament delegat tal-Kummissjoni li jaġġorna l-lista ta' kontroll tal-UE. Il-Kummissjoni adottat l-att delegat fil-5 ta' Settembru 2024.

[21] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2659 tal-11 ta' Ottubru 2024 dwar linji gwida dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti ta' sorveljanza ċibernetika skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,
C/2024/7035 (ĠU L 2024/2659, 16.10.2024): http://data.europa.eu/eli/reco/2024/2659/oj.

[22] L-Amministrazzjoni Nazzjonali tas-Sigurtà Nukleari tal-Istati Uniti (NNSA).

Id-DUCG ikkontribwixxa wkoll għall-aġġornament tal-avviż ta' informazzjoni uffiċjali dwar il-miżuri nazzjonali ppubblikat fit-2 ta' Ottubru 2024 u għar-reviżjoni tal-kompilazzjoni tal-UE tal-listi ta' kontroll nazzjonali fis-27 ta' Settembru 2024[23].

### 3.5 Skambju ta' data dwar il-liċenzjar u l-implimentazzjoni

Id-DUCG beda l-ġbir ta' data dwar il-liċenzjar tal-2022-2023 skont il-linji gwida tal-2024 dwar il-ġbir u l-ipproċessar tad-data, bl-għan li jissupplimenta r-rapport annwali ppubblikat fit-30 ta' Jannar 2025.

### 3.6 Għodod tal-IT għall-iskambju ta' informazzjoni fost l-Istati Membri u għal-liċenzjar elettroniku

Il-Kummissjoni, appoġġata mid-DUCG, kompliet tiżviluppa s-Sistema Elettronika għall-Oġġetti b'Użu Doppju (DUeS) bħala l-pedament tal-IT tan-network tal-UE għall-kontroll tal-esportazzjoni tal-oġġetti b'użu doppju. Din il-pjattaforma għandha rwol ewlieni fl-applikazzjoni effettiva tar-Regolament.

Il-funzjonalitajiet tad-DUeS ġew żviluppati jew aġġornati, kif ġej:

1. tippermetti lill-Istati Membri jikkondividu mal-Kummissjoni d-data dwar il-liċenzjar, kif meħtieġ fl-Artikolu 26(3) tar-Regolament dwar l-Oġġetti b'Użu Doppju, f'konformità mal-linji gwida żviluppati mal-Istati Membri dwar il-ġbir u l-ipproċessar tad-data dwar il-kontrolli tal-esportazzjoni (il-linji gwida dwar it-trasparenza);

2. tippermetti lill-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-impożizzjoni ta' rekwiżit ta' awtorizzazzjoni abbażi ta' lista ta' kontroll nazzjonali, skont l-Artikolu 10;

3. tippermetti l-iskambju volontarju ta' informazzjoni fost l-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-Artikoli 9 u 10, kif previst fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2025/683 dwar il-koordinazzjoni tal-listi ta' kontroll nazzjonali[24]; u

4. ġew aġġornati l-funzjonalitajiet eżistenti, b'mod partikolari b'referenza għall-ġestjoni ta' eżenzjonijiet/awtorizzazzjonijiet u ċaħdiet relatati mal-miżuri restrittivi kontra r-Russja u l-Belarussja, u b'referenza għall-bażi tad-data ta' oġġetti soġġetti għal kontroll skont ir-Regolament.

L-2024 kienet ir-raba' sena tat-tħaddim tas-Sistema ta' Liċenzjar elettroniku għall-oġġetti b'użu doppju, li ntużat matul il-perjodu ta' rapportar mil-Latvja, mir-Rumanija, mill-Italja, mis-Slovenja u mill-Belġju (l-awtoritajiet tal-Wallonia). L-Ungerija u l-Belġju (ir-Reġjun ta' Brussell) esprimew interess li jissieħbu fil-proġett.

---

[23] Nota ta' Informazzjoni – ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it- tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju: Informazzjoni dwar miżuri adottati mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 9, 11, 12, 22 u 23 (PUB/2024/740), ĠU C/2024/5881, 2.10.2024: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5881/oj.

[24] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32025H0683.

Lil hinn mill-UE, u bħala parti mill-kooperazzjoni tagħha mal-pajjiżi sħab, il-Kummissjoni esplorat il-possibbiltà li tipprovdi l-għodda tal-Liċenzjar elettroniku lill-pajjiżi sħab. Il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kirgistan u s-Serbja esprimew interess fl-użu tal-għodda.

Il-proġett tal-Liċenzjar elettroniku jtejjeb kontinwament l-interkonnessjoni tas-sistemi doganali nazzjonali permezz tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana. Dan jagħmel il-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn il-fruntieri u mal-awtoritajiet doganali ħafna aktar faċli, u jnaqqas il-piż regolatorju fuq l-operaturi u jippermetti l-ġestjoni awtomatika tal-liċenzjar. Dan isir permezz tal-pjattaforma ta' skambju ta' ċertifikazzjoni "CERTEX", ġestita mid-DĠ TAXUD. L-interkonnessjoni bejn il-Liċenzjar elettroniku u s-sistemi tad-dwana nazzjonali ilha titħaddem minn Diċembru 2022. L-awtoritajiet doganali Rumeni ilhom parti mis-sistema minn April 2024.

Fuq talba tal-Istati Membri li diġà użaw sistemi ta' liċenzjar elettroniku, f'April 2022 il-Kummissjoni bdiet proġett ġdid ta' "pont għal-Liċenzjar elettroniku" biex tippermetti l-konnessjoni tas-sistemi ta' liċenzjar nazzjonali mas-sistemi doganali permezz tal-Liċenzjar elettroniku. Il-Finlandja kienet parti mill-proġett pilota u ttestjat l-interkonnessjoni fl-2024.

## 4. KONTROLLI TAL-ESPORTAZZJONI TAL-UE – DATA EWLENIJA

L-Artikolu 26 tar-Regolament jipprevedi li r-rapport annwali tal-Unjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tal-kontrolli jrid jinkludi informazzjoni rilevanti dwar l-awtorizzazzjonijiet, iċ-ċaħdiet u l-projbizzjonijiet, kif ukoll informazzjoni dwar l-amministrazzjoni u l-infurzar ta' tali kontrolli.

Din it-Taqsima tippreżenta d-data aggregata tal-UE dwar il-kontroll tal-esportazzjoni għas-sena ta' referenza 2024. Minħabba l-volum tagħha, id-data sottostanti pprovduta mill-Istati Membri hija ppreżentata f'forma konsolidata fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja r-rapport.

Id-data saret disponibbli f'konformità ma' linji gwida ta' rapportar speċifiċi ("il-Linji Gwida")[25]. Skont dawn il-linji gwida, il-metodoloġija tal-ġbir ta' data hija mfassla biex tibqa' sostenibbli maż-żmien, u tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni b'mod effiċjenti u kosteffettiv, li hija statistikament tajba u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-protezzjoni ta' informazzjoni personali, informazzjoni kummerċjalment sensittiva jew informazzjoni protetta dwar id-difiża, il-politika barranija jew is-sigurtà nazzjonali.

### 4.1 Noti metodoloġiċi

Ir-Regolament japplika primarjament għall-esportazzjoni ta' aktar minn 1 800 oġġett b'użu doppju elenkat fil-lista ta' kontroll tal-UE, ikklassifikati f'għaxar kategoriji (l-Illustrazzjoni 3). Dik hija r-raġuni sottostanti li wasslet lill-UE biex tirragruppa l-entrati fl-Anness I tar-Regolament f'"tipi ta' oġġetti" għall-fini tar-rapport annwali tal-UE[26].

[25] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/214 tal-10 ta' Jannar 2024 dwar linji gwida li jistabbilixxu l-metodoloġija għall-ġbir u l-ipproċessar tad-data għat-tħejjija tar-rapport annwali dwar il-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it- tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju skont ir-Regolament (UE) 2021/821 ("il-Linji Gwida").

[26] Ara l-Artikolu 26(2) tar-Regolament.




*Illustrazzjoni 3: L-għadd ta' oġġetti b'użu doppju elenkati fl-għaxar kategoriji tal-Anness I tar-Regolament*

Sabiex il-livell meħtieġ ta' trasparenza tar-rappotar pubbliku ikun possibbli filwaqt li jiġi żgurat il-ġbir effiċjenti u sostenibbli ta' data maż-żmien, ġie deċiż li l-linja bażi għad-determinazzjoni tat-tipi ta' oġġetti tibni fuq il-klassifikazzjoni speċifika ta' oġġetti b'użu doppju użata fir-Regolament fil-livell ta' ħames ċifri filwaqt li jiġi żgurat li l-intestatura "tipi ta' oġġetti" tipprovdi informazzjoni sinifikanti minn perspettiva ta' sigurtà, poltika u kummerċ[27].

L-Anness A tal-Linji Gwida jiddeskrivi l-lista ta' 52 "tip ta' oġġetti" użati għall-ġbir ta' data dwar il-liċenzjar u t-tħejjija ta' dan ir-rapport annwali. L-awtorizzazzjonijiet jiġu diżaggregati skont it-tip ta' oġġett u skont id-destinazzjoni rilevanti f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament, filwaqt li jitqiesu n-natura, il-fini u l-karatteristiċi tat-tipi ta' awtorizzazzjonijiet differenti, kif ukoll il-prattiki li jvarjaw fl-Istati Membri għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet u għall-ġbir ta' data. Barra minn hekk, kien meħtieġ li l-ġbir u s-sottomissjoni tad-data rilevanti mill-Istati Membri lill-Kummissjoni jiġu adattati skont il-karatteristiċi speċifiċi tat-tipi differenti ta' awtorizzazzjonijiet u prattiki nazzjonali. Għal dik ir-raġuni, iċ-ċifri ppreżentati f'dan ir-rapport jipprovdu għadd tal-Istati Membri li pprovdew id-data sottostanti għal kull tip ta' awtorizzazzjoni[28]. Il-metodoloġija tirrikonoxxi wkoll li l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jirreferu għal aktar minn oġġett individwali wieħed li jaqgħu taħt diversi tipi ta' oġġetti.

Fir-rigward ta' oġġetti taċ-ċibersorveljanza, id-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(20) tar-Regolament tinkludi kemm l-oġġetti elenkati fl-Anness I kif ukoll oġġetti mhux elenkati. L-Anness B tal-Linji Gwida jidentifika ħames oġġetti fl-Anness I tar-Regolament li jissodisfaw

[27] Eż. ECCN 0A001: Reatturi nukleari.

[28] Dan jinkludi data volontarja dwar l-użi tal-awtorizzazzjonijiet nazzjonali ġenerali għall-esportazzjoni u l-awtorizzazzjonijiet tal-UE ġenerali għall-esportazzjoni. Id-data f'dawn iċ-ċifri ma tkoprix is-27 Stat Membru kollha tal-UE.

id-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(20). Id-deċiżjoni dwar jekk oġġett mhux elenkat speċifiku jissodisfax ir-rekwiżiti tad-definizzjoni legali tittieħed fuq bażi ta' każ b'każ mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Grupp ta' Esperti tat-Teknoloġija ta' Sorveljanza (STEG). L-applikazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet għal oġġetti taċ-ċibersorveljanza mhux elenkati jeħtieġ li jiġu inklużi wkoll fir-rapport annwali f'konformità mal-Artikolu 26(2) tar-Regolament, abbażi tad-data pprovduta mill-Istati Membri. L-applikazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet għal oġġetti elenkati oħrajn jistgħu jiġu inklużi fir-rapport, abbażi tad-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti rilevanti.

### 4.2 Ħarsa ġenerali lejn l-awtorizzazzjonijiet skont it-tip ta' liċenzja[29]

Fl-2024, il-valur totali tal-kummerċ awtorizzat ta' oġġetti b'użu doppju ammonta għal EUR 77,6 biljun, li jirrappreżenta 3 % tal-esportazzjonijiet ta' merkanzija barra l-UE (l-Illustrazzjoni 4) u żieda meta mqabbel mal-2023 (EUR 71 biljun). F'termini ta' numri, dan jikkorrispondi għal 133 470 awtorizzazzjoni u notifika[30]. Fir-rigward tat-tipi ta' awtorizzazzjonijiet, il-biċċa l-kbira tat-tranżazzjonijiet jaqgħu taħt awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-UE (89 388), awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni nazzjonali (23 406) u liċenzji individwali (18 549), li jirrifletti l-klassifika fl-2023. F'termini ta' valur, it-tipi ta' liċenzji li għandhom l-ogħla ponderazzjoni kienu awtorizzazzjonijiet globali ta' esportazzjoni (EUR 36,5 biljun, 47 % tal-kummerċ totali awtorizzat), awtorizzazzjonijiet individwali għall-esportazzjoni (EUR 24 biljun, 31 % tat-total) u awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-UE (EUR 9 biljun, 12 % tat-total).

### 4.3 Ċaħdiet u projbizzjonijiet

Fl-2024, ġew irrapportati 487 ċaħda għal valur ta' EUR 0,2 biljun. Dawk iċ-ċifri juru li porzjon żgħir biss tal-esportazzjonijiet tal-UE ġew miċħuda (0,01 % tal-esportazzjonijiet ta' merkanzija totali barra l-UE f'dik is-sena). Dan jirrappreżenta kemm għadd aktar baxx kif ukoll valur aktar baxx ta' ċaħdiet meta mqabbel mal-2023 iżda jammonta għall-istess perċentwal ta' esportazzjonijiet barra l-UE.

[29] F'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament, it-Taqsimiet 4.2 sa 4.7 ta' dan ir-rapport ma jinkludux data relatata ma' oġġetti taċ-ċibersorveljanza. L-informazzjoni dwar dawk l-entrati hija pprovduta fit-Taqsima 5 hawn taħt.

[30] Dan jinkludi data volontarja dwar l-użi tal-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni nazzjonali u l-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-UE.




*Illustrazzjoni 4: Awtorizzazzjonijiet ta’ esportazzjoni skont it-tip ta’ liċenzja*

## 4.4 Awtorizzazzjonijiet individwali

Awtorizzazzjonijiet individwali huma liċenzji mogħtija lil esportatur speċifiku wieħed għal utent finali jew destinatarju wieħed f’pajjiż mhux tal-UE u li jkopru oġġett b’użu doppju wieħed jew aktar. Kif speċifikat fil-Linji Gwida, l-entrati li ġejjin kollha jitqiesu bħala liċenzji individwali għall-fini ta’ dan ir-rapport: awtorizzazzjonijiet individwali għall-esportazzjoni, awtorizzazzjonijiet ta’ senserija, awtorizzazzjonijiet ta’ assistenza teknika, awtorizzazzjonijiet ta’ tranżitu, awtorizzazzjonijiet ta’ trasferiment intra-UE, awtorizzazzjonijiet taħt miżura ta’ kontroll nazzjonali u awtorizzazzjonijiet għal oġġetti mhux elenkati.

Il-ħarsa ġenerali lejn l-awtorizzazzjonijiet individwali fl-2024 mill-għaxar kategoriji ta’ oġġetti fl-Anness I tar-Regolament kif ukoll l-oġġetti mhux elenkati soġġetti għall-kontrolli (l-Illustrazzjoni 5) tindika li l-ogħla għadd ta’ awtorizzazzjonijiet f’termini ta’ <u>valur</u> tas-suq ingħata lill-Materjali, faċilitajiet u tagħmir nukleari (EUR 12,2 biljun, 36 % tat-total). It-telekomunikazzjoni u s-“sigurtà tal-informazzjoni” ġew fit-tieni post (EUR 6,7 biljun, 20 % tat-total), u fit-tielet post l-Ajruspazju u propulsjoni (EUR 4,6 biljun, 13 % tat-total). Fir-rigward tal-<u>volum</u> ta’ awtorizzazzjonijiet individwali, l-akbar ċifra ġiet irreġistrata għall-Ipproċessar tal-materjali (5 891, 27 % tat-total), segwita mit-Telekomunikazzjoni u s-“sigurtà tal-informazzjoni” (4 405, 20 % tat-total) u l-Materjali speċjali u tagħmir relatat (4 293, 20 % tat-total).




*Illustrazzjoni 5: Awtorizzazzjonijiet individwali għall-esportazzjoni skont il-kategorija ta' oġġetti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821*

Id-diżaggregazzjoni tal-valur tal-awtorizzazzjonijiet individwali skont it-tip ta' oġġetti (l-Illustrazzjonijiet 6.1 u 6.2) turi li l-aqwa ħames oġġetti huma Materjali, faċilitajiet, impjanti u tagħmir nukleari (EUR 9,2 biljun, 27 % tat-total), Oġġetti u tagħmir tas-sigurtà tal-informazzjoni u tal-kriptoanaliżi (EUR 5,5 biljun, 16 % tat-total), Magni tal-ajruspazju u turbini tal-gass (ħlief UAV) (EUR 3,5 biljun, 10 % tat-total), Oħrajn/oġġetti mhux elenkati (EUR 3,2 biljun, 9 % tat-total), u Teknoloġija għal materjali, faċilitajiet u tagħmir nukleari (EUR 2,1 biljun, 6 % tat-total).



**Awtorizzazzjoni individwali għall-esportazzjoni skont it-tip ta' oġġetti fl-Anness A tar-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/214**

| Tip ta' oġġett | | Valur f'EUR | Volum |
|---|---|---|---|
| 0EC1 | Materjali, faċilitajiet, impjanti u tagħmir nukleari | 9,178M | 1,153 |
| 0EC2 | Software għal materjali, faċilitajiet u tagħmiri nukleari | 884M | 219 |
| 0EC3 | Teknoloġija għal materjali, faċilitajiet u tagħmir nukleari | 2,138M | 416 |
| 1EC1 | Materjali, komponenti u strutturi għall-inġenji tal-ajru/ajruspazju | 35M | 132 |
| 1EC2 | Splussivi, propellanti u tagħmir relatat | 597M | 381 |
| 1EC3 | Materjali fibrużi, filamentari u tagħmir ta' produzzjoni | 349M | 234 |
| 1EC4 | Metalli u ligi speċjali u t-tagħmir tagħhom | 220M | 522 |
| 1EC5 | Oġġetti u tagħmir nukleari relatati | 38M | 94 |
| 1EC6 | Sustanzi kimiċi tossiċi, prekursuri, patoġeni, tossini u organiżmi ġenetikament modifikati, tagħmir u komponenti protettivi u ta' detezzjoni relatati | 635M | 2,805 |
| 1EC7 | Software għal materjali speċjali u tagħmir relatat | 1M | 44 |
| 1EC8 | Teknoloġija għal materjali speċjali u tagħmir relatat | 20M | 81 |
| 2EC1 | Għodod u sistemi tal-magni u komponenti għal tagħmir industrijali | 1,524M | 2,002 |
| 2EC2 | Tagħmir tal-manifattura kimika u bijoloġika | 1,009M | 3,395 |
| 2EC3 | Software għall-ipproċessar tal-materjali | 23M | 377 |
| 2EC4 | Teknoloġija għall-ipproċessar tal-materjali | 32M | 117 |
| 3EC1 | Oġġetti u komponenti elettroniċi | 307M | 609 |
| 3EC2 | Assemblaġġi, moduli u tagħmir elettroniċi | 75M | 211 |
| 3EC3 | Oġġetti elettroniċi li jintużaw fl-applikazzjonijiet nukleari | 118M | 588 |
| 3EC4 | Tagħmir għall-manifattura u għall-ittestjar ta' apparati jew materjali tas-semikondutturi | 721M | 156 |
| 3EC5 | Materjali tas-semikondutturi | 5M | 27 |
| 3EC6 | Software għall-elettronika | 25M | 41 |
| 3EC7 | Teknoloġija għall-elettronika | 173M | 182 |
| 4EC1 | Kompjuters | 45M | 34 |
| 4EC2 | Software għall-kompjuters | 1M | 5 |
| 4EC3 | Teknoloġija għall-kompjuters | 1M | 14 |
| 5EC1 | Oġġetti u tagħmir tat-telekomunikazzjoni | 130M | 221 |

Data pprovduta minn 27 Stat Membru

*Illustrazzjoni 6.1: Awtorizzazzjonijiet individwali għall-esportazzjoni skont it-tip ta' oġġetti (Parti 1)*



**Awtorizzazzjoni individwali għall-esportazzjoni skont it-tip ta' oġġetti fl-Anness A tar-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/214**

| Tip ta' oġġett | | Valur f'EUR | Volum |
|---|---|---|---|
| 5EC2 | Oġġetti u tagħmir għas-sigurtà tal-informazzjoni u tal-kriptoanaliżi | 5,479M | 2,656 |
| 5EC3 | Software għat-telekomunikazzjoni u l-informazzjoni tas-sigurtà | 1,043M | 1,383 |
| 5EC4 | Teknoloġija għat-telekomunikazzjoni u l-informazzjoni tas-sigurtà | 93M | 145 |
| 6EC1 | Tagħmir ottiku u akustiku, komponenti u materjali relatati, sensuri oħrajn | 517M | 1,042 |
| 6EC2 | Lasers, tagħmir u materjali relatati | 800M | 508 |
| 6EC3 | Sistemi tar-radar, tagħmir u komponenti relatati | 117M | 133 |
| 6EC4 | Software għas-sensuri u l-lasers | 9M | 24 |
| 6EC5 | Teknoloġija għas-sensuri u l-lasers | 15M | 20 |
| 7EC1 | Tagħmir għan-navigazzjoni inerzjali | 63M | 213 |
| 7EC2 | Tagħmir ieħor relatat man-navigazzjoni u l-avjonika | 30M | 79 |
| 7EC3 | Sistemi ta' kontroll tat-titjir | 0M | 0 |
| 7EC4 | Tagħmir ta' produzzjoni għan-navigazzjoni u l-avjonika | 1M | 20 |
| 7EC5 | Software għan-navigazzjoni u l-avjonika | 1M | 30 |
| 7EC6 | Teknoloġija għan-navigazzjoni u l-avjonika | 2M | 40 |
| 8EC1 | Vetturi ta' taħt l-ilma u bastimenti tal-wiċċ u sistemi, tagħmir u komponenti tal-baħar relatati | 68M | 52 |
| 8EC2 | Materjali u tagħmir għall-bastimenti tal-baħar | 3M | 2 |
| 8EC3 | Software għas-settur tal-baħar | 0M | 1 |
| 8EC4 | Teknoloġija għas-settur tal-baħar | 0M | 5 |
| 9EC1 | Magni ajruspazjali u turbini tal-gass (ħlief UAV) | 3,512M | 236 |
| 9EC2 | UAV u l-propulsjonijiet tagħhom | 225M | 269 |
| 9EC3 | Rokits u inġenji spazjali | 642M | 88 |
| 9EC4 | Magni rokit | 112M | 18 |
| 9EC5 | Tagħmir għall-mini tar-riħ, faċilitajiet u kompartimenti tal-ittestjar | 0M | 1 |
| 9EC6 | Software għall-ajruspazju u l-propulsjoni | 30M | 66 |
| 9EC7 | Teknoloġija għall-ajruspazju u l-propulsjoni | 53M | 112 |
| XEC1 | Oħrajn/oġġetti mhux elenkati | 3,194M | 466 |

*Illustrazzjoni 6.2: Awtorizzazzjonijiet individwali għall-esportazzjoni skont it-tip ta' oġġetti (Parti 2)*

Fir-rigward tad-destinazzjonijiet koperti minn awtorizzazzjonijiet individwali (l-Illustrazzjonijiet 7 u 8), iċ-Ċina kienet l-aqwa destinazzjoni skont il-valur (EUR 9,6 biljun, 36 % tat-total), segwita mill-Istati Uniti (EUR 2,7 biljun, 10 % tat-total), mill-Korea t'Isfel (EUR 2,6 biljun, 10 % tat-total), mir-Renju Unit (EUR 1,2 biljun, 5 % tat-total) u mill-Indja (EUR 1

biljun, 4 % tat-total). B'mod ġenerali, l-aqwa 25 destinazzjoni barra l-UE jirrappreżentaw 94 % tal-awtorizzazzjonijiet individwali skont il-valur[31]. Fir-rigward tat-trasferimenti intra-UE, id-destinazzjonijiet ewlenin kienu l-Ungerija (EUR 704 miljun), Franza (EUR 507 miljun), il-Belġju (EUR 458 miljun), il-Ġermanja (EUR 324 miljun) u n-Netherlands (EUR 234 miljun). Meta mqabbla ma' destinazzjonijiet barra l-UE, it-trasferimenti intra-UE jidhru li huma limitati minħabba li l-biċċa l-kbira tal-esportazzjonijiet intra-UE ta' oġġetti b'użu doppju ma jeħtiġux li jiġu awtorizzati skont ir-Regolament. Minflok, l-awtorizzazzjonijiet ta' kontroll tal-esportazzjoni għall-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju lejn Stat Membru tal-UE ieħor huma meħtieġa biss f'ċirkostanzi speċifiċi skont ir-Regolament, bħal għall-oġġetti elenkati fl-Anness IV tar-Regolament skont l-Artikolu 11(1) jew abbażi ta' miżuri meħuda minn Stat Membru skont l-Artikolu 11(8) tar-Regolament.




*Illustrazzjoni 7: Awtorizzazzjonijiet individwali għall-esportazzjoni skont id-destinazzjoni*

[31] Innota li l-awtorizzazzjonijiet tal-esportazzjoni b'destinazzjoni lejn il-Federazzjoni Russa jikkorrispondu għall-kummerċ li jseħħ skont l-eżenzjonijiet u d-derogi limitati fl-ambitu tar-reġim ta' sanzjonijiet tal-UE għar-Russja. Ara r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina.




*Illustrazzjoni 8: Awtorizzazzjonijiet individwali għall-esportazzjoni skont l-aqwa destinazzjonijiet barra l-UE u skont id-destinazzjonijiet intra-UE*

## 4.5 Awtorizzazzjoni globali ta' esportazzjoni

L-awtorizzazzjonijiet globali ta' esportazzjoni ħafna drabi jkun fihom valuri tal-esportazzjoni stmati jew miftuħa u jingħataw jew għal oġġett wieħed jew għal aktar minn wieħed għal destinazzjoni waħda jew għal oġġett wieħed jew aktar għal bosta destinazzjonijiet. Bħala tali, l-awtorizzazzjonijiet globali jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-awtoritajiet kompetenti u għall-esportaturi meta jittrattaw tranżazzjonijiet simili u/jew frekwenti. Sabiex jiġu salvagwardjati l-objettivi ta' nonproliferazzjoni, l-esportaturi huma meħtieġa jabbozzaw u jippreżentaw programm ta' konformità interna sabiex jikkwalifikaw għal awtorizzazzjoni globali. Peress li

r-Regolament iħalli f'idejn l-Istati Membri individwali biex jiddeċiedu dwar il-konfigurazzjoni konkreta tal-awtorizzazzjonijiet globali, il-prattiki jvarjaw minn pajjiż tal-UE għal ieħor.

Bl-għan li tiġi pprovduta informazzjoni sinifikattiva lill-pubbliku filwaqt li jitqiesu l-prattiki nazzjonali differenti u r-raġunament tal-awtorizzazzjonijiet globali ta' esportazzjoni, il-Linji Gwida adattaw l-istandards rilevanti tal-ġbir u r-rapportar tad-data. L-Istati Membri jipprovdu data dwar il-liċenzjar lill-Kummissjoni kif xieraq, b'enfasi fuq (i) il-valur totali tal-awtorizzazzjoni globali ta' esportazzjoni (EUR 36,5 biljun, ekwivalenti għal 47 % tal-valur awtorizzat fl-2024) u (ii) diżaggregazzjoni tal-volum totali tal-liċenzji globali skont it-tipi ta' oġġetti (l-Illustrazzjonijiet 10.1 u 10.2) u d-destinazzjonijiet (l-Illustrazzjonijiet 11.1 u 11.2).

Skont il-kategorija ta' oġġetti fl-Anness I tar-Regolament (l-Illustrazzjoni 9), il-maġġoranza tal-awtorizzazzjonijiet ingħataw għal oġġetti elenkati taħt Telekomunikazzjoni u "sigurtà tal-informazzjoni" (31 % tat-total), Materjali tal-ipproċessar (19 %) u Sensuri u lasers (13 %).

L-aqwa ħames tipi ta' oġġetti koperti minn awtorizzazzjonijiet globali ta' esportazzjoni (l-Illustrazzjonijiet 10.1 u 10.2) huma Oġġetti u tagħmir tas-sigurtà tal-informazzjoni u tal-kriptoanaliżi (19 % tat-total), Tagħmir ottiku u akustiku, komponenti u materjali relatati; sensuri oħrajn (11 %), Splussivi, propellanti u tagħmir relatat (10 %), Software għas-sigurtà tat-telekomunikazzjoni u tal-informazzjoni (8 %) u Sustanzi kimiċi tossiċi, prekursuri, patoġeni, tossini u organiżmi ġenetikament modifikati, tagħmir u komponenti protettivi u ta' detezzjoni relatati (8 %).




*Illustrazzjoni 9: Awtorizzazzjonijiet globali ta' esportazzjoni skont il-kategorija ta' oġġetti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821*




*Illustrazzjoni 10.1: Awtorizzazzjonijiet globali ta' esportazzjoni skont it-tip ta' oġġetti (Parti 1)*




*Illustrazzjoni 10.2: Awtorizzazzjonijiet globali ta' esportazzjoni skont it-tip ta' oġġetti (Parti 2)*

Fir-rigward tad-destinazzjonijiet (l-Illustrazzjonijiet 11 u 12), il-maġġoranza tal-awtorizzazzjonijiet skont il-volum ingħataw għal esportazzjonijiet lejn iċ-Ċina (3 %), l-Indja (2 %), it-Tajwan (2 %), il-Brażil (2 %) u Singapore (2 %). B'mod ġenerali, l-aqwa 25 destinazzjoni jirrappreżentaw biss 37 % tal-awtorizzazzjonijiet skont il-volum tal-awtorizzazzjonijiet globali ta' esportazzjoni, peress li liċenzja globali ħafna drabi tkopri bosta destinazzjonijiet[32].




*Illustrazzjoni 11: Awtorizzazzjonijiet globali ta' esportazzjoni skont id-destinazzjoni*

[32] *Ibid*.




*Illustrazzjoni 12: Awtorizzazzjonijiet globali ta' esportazzjoni skont l-aqwa destinazzjonijiet*

## 4.6 Awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni nazzjonali u tal-UE

L-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni (GEA) nazzjonali u tal-UE jinħarġu biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ ta' oġġetti b'użu doppju filwaqt li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-esportaturi u għall-awtoritajiet ta' kontroll tal-esportazzjoni. L-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-UE (GEA tal-UE) jipprovdu l-ogħla livell ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ għall-oġġetti b'użu doppju. Dawn jingħataw lill-esportaturi tal-UE li jikkonformaw mal-prekundizzjonijiet rilevanti stabbiliti fir-Regolament. Ir-Regolament jipprevedi tmien tipi ta' GEA tal-UE[33].

Il-maġġoranza l-kbira tal-użi tal-GEA tal-UE fl-2024 (l-Illustrazzjoni 13) kienu jikkorrispondu għall-EU001 (99 % f'termini ta' valur, 99 % tal-volum), għal esportazzjonijiet lejn l-għaxar destinazzjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjoni.




*Illustrazzjoni 13: Awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-UE*

L-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni nazzjonali jingħataw mill-Istati Membri lill-esportaturi li jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti filwaqt li jikkonformaw mal-prekundizzjonijiet rilevanti stabbiliti mil-liġijiet nazzjonali applikabbli.

[33] EU001 – Esportazzjonijiet lejn l-Awstralja, il-Kanada, l-Iżlanda, il-Ġappun, New Zealand, in-Norveġja, l-Iżvizzera, il-Liechtenstein, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti tal-Amerka
EU002 – Esportazzjonijiet ta' ċerti oġġetti b'użu doppju lejn ċerti destinazzjonijiet
EU003 – Esportazzjoni wara tiswija/sostituzzjoni
EU004 – Esportazzjoni temporanja għal wirjiet jew fieri
EU005 – Telekomunikazzjoni
EU006 – Sustanzi kimiċi
EU007 – Trasferimenti tat-teknoloġija intra-grupp
EU008 – Kriptaġġ

L-Illustrazzjoni 14 tqassam il-valur tal-GEA tal-UE u dawk nazzjonali skont il-kategoriji inklużi fl-Anness I tar-Regolament. L-ogħla valuri jikkorrispondu għat-Telekomunikazzjoni u "sigurtà tal-informazzjoni" (EUR 3,5 biljun, 44 % tat-total), għall-Elettronika (EUR 3,3 biljun, 42 % tat-total), u għall-Ipproċessar tal-materjali (EUR 0,3 biljun, 4 % tat-total).




*Illustrazzjoni 14: Awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-UE u nazzjonali skont il-kategorija ta' oġġetti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821*

Id-diżaggregazzjoni tal-valur tal-GEA tal-UE u dawk nazzjonali skont it-tipi ta' oġġetti (l-Illustrazzjonijiet 15.1 u 15.2) tindika li l-aqwa ħames oġġetti huma Sigurtà tal-informazzjoni u oġġetti u tagħmir tal-kriptoanaliżi (EUR 3,5 biljun, 44 % tat-total), Tagħmir għall-manifattura u l-ittestjar ta' apparati jew materjali tas-semikondutturi (EUR 3,2 biljun, 40 % tat-total), Għodod u sistemi tal-magni u komponenti għal tagħmir industrijali (EUR 0,2 biljun, 2 % tat-total), UAV u l-propulsjonijiet tagħhom (EUR 0,2 biljun, 2 % tat-total) u Lasers, tagħmir u materjali relatati (EUR 0,1 biljun, 2 % tat-total).




*Illustrazzjoni 15.1: Awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-UE u nazzjonali skont it-tip ta' oġġetti (Parti 1)*

**Awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-UE u nazzjonali skont it-tip ta' oġġetti fl-Anness A tar-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/214**

| Tip ta' oġġett | | Valur f'EUR |
|---|---|---|
| 5EC2 | Oġġetti u tagħmir għas-sigurtà tal-informazzjoni u tal-kriptoanaliżi | 3,497M |
| 5EC3 | Software għat-telekomunikazzjoni u l-informazzjoni tas-sigurtà | 20M |
| 5EC4 | Teknoloġija għat-telekomunikazzjoni u l-informazzjoni tas-sigurtà | 1M |
| 6EC1 | Tagħmir ottiku u akustiku, komponenti u materjali relatati; sensuri oħrajn | 70M |
| 6EC2 | Lasers, tagħmir u materjali relatati | 138M |
| 6EC3 | Sistemi tar-radar, tagħmir u komponenti relatati | 33M |
| 6EC4 | Software għas-sensuri u l-lasers | 2M |
| 7EC1 | Tagħmir għan-navigazzjoni inerzjali | 18M |
| 7EC2 | Tagħmir ieħor relatat man-navigazzjoni u l-avjonika | 3M |
| 7EC3 | Sistemi ta' kontroll tat-titjir | 0M |
| 7EC4 | Tagħmir ta' produzzjoni għan-navigazzjoni u l-avjonika | 1M |
| 7EC5 | Software għan-navigazzjoni u l-avjonika | 0M |
| 7EC6 | Teknoloġija għan-navigazzjoni u l-avjonika | 12M |
| 8EC1 | Vetturi ta' taħt l-ilma u bastimenti tal-wiċċ u sistemi tal-baħar, tagħmir u komponenti relatati | 2M |
| 9EC1 | Magni ajruspazjali u turbini tal-gass (ħlief UAV) | 45M |
| 9EC2 | UAV u l-propulsjonijiet tagħhom | 192M |
| 9EC3 | Rokits u inġenji spazjali | 54M |
| 9EC4 | Magni rokit | 0M |
| 9EC5 | Tagħmir għall-mini tar-riħ, faċilitajiet u kompartimenti tal-ittestjar | 2M |
| 9EC6 | Software għall-ajruspazju u l-propulsjoni | 1M |
| 9EC7 | Teknoloġija għall-ajruspazju u l-propulsjoni | 1M |
| XEC1 | Oħrajn/oġġetti mhux elenkati | 105M |

Data pprovduta minn 16-il Stat Membru

*Illustrazzjoni 15.2: Awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-UE u nazzjonali skont it-tip ta' oġġetti (Parti 2)*

Fir-rigward tad-destinazzjonijiet awtorizzati skont il-GEA tal-UE u dawk nazzjonali, l-aqwa ħamsa kienu l-Istati Uniti (EUR 5,3 biljun, 55 % tat-total), ir-Renju Unit (EUR 1,5 biljun, 16 % tat-total), in-Norveġja (EUR 0,6 biljun, 6 % tat-total), l-Iżvizzera (EUR 0,6 biljun, 6 % tat-total) u l-Ġappun (EUR 0,3 biljun, 4 % tat-total). Dan jindika li l-maġġoranza l-kbira tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju koperti mill-GEA huma mmirati lejn il-pajjiżi elenkati fil-GEA tal-UE EU001, u dan jirrifletti wkoll il-fatt li l-valur tal-esportazzjonijiet awtorizzati skont il-GEA tal-UE huwa ħafna ogħla milli skont il-GEA nazzjonali (EUR 9 biljun kontra EUR 1 biljun, skont l-Illustrazzjoni 4).




*Illustrazzjoni 16: Awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-UE u nazzjonali skont id-destinazzjoni*

**Awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-UE u nazzjonali skont id-destinazzjoni**

| Destinazzjoni | Valur f'EUR |
|---|---|
| L-Istati Uniti tal-Amerka | 5,333M |
| Ir-Renju Unit | 1,514M |
| In-Norveġja | 585M |
| L-Iżvizzera | 554M |
| Il-Ġappun | 349M |
| Singapore | 200M |
| L-Ukrajna | 183M |
| Il-Kanada | 116M |
| Iżrael | 109M |
| Il-Messiku | 107M |
| L-Awstralja | 92M |
| L-Afrika t'Isfel | 77M |
| It-Turkija | 59M |
| New Zealand | 57M |
| Il-Korea t'Isfel | 56M |
| Il-Brażil | 56M |
| Il-Marokk | 28M |
| Iċ-Ċina | 28M |
| Il-Malażja | 17M |
| L-Indoneżja | 17M |
| Il-Ġordan | 16M |
| L-Indja | 13M |
| Il-Kenja | 13M |
| Is-Serbja | 12M |
| It-Tuneżija | 9M |
| L-Iżlanda | 8M |
| In-Niġerja | 7M |
| L-Alġerija | 7M |
| Il-Qatar | 6M |
| Il-Filippini | 6M |
| Il-Georgia | 5M |
| Mauritius | 4M |
| It-Tanżanija | 4M |
| L-Angola | 4M |
| Il-Bożnija-Herzegovina | 3M |
| Il-Bahrain | 3M |
| L-Arġentina | 3M |
| L-Arabja Sawdija | 3M |
| L-Emirati Għarab Magħquda | 2M |
| Il-Kosta tal-Avorju | 2M |
| It-Tajlandja | 2M |
| Il-Maċedonja ta' Fuq | 2M |
| Il-Kamerun | 2M |
| Is-Senegal | 2M |
| Il-Vjetnam | 2M |
| L-Albanija | 2M |
| L-Uganda | 2M |
| Il-Gabon | 2M |
| L-Etjopja | 2M |
| Il-Malawi | 2M |

Data pprovduta minn 19-il Stat Membru

*Illustrazzjoni 17: Awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-UE u nazzjonali skont l-aqwa destinazzjonijiet*

### 4.7 Utenti reġistrati tal-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni nazzjonali u tal-UE

Sabiex tiġi pprovduta informazzjoni dwar in-notifiki tal-esportaturi f'konformità mar-Regolament[34], ir-rapport annwali jinkludi data dwar l-għadd ta' esportaturi li nnotifikaw lill-awtorità kompetenti jew li huma rreġistrati magħha biex jużaw l-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-UE jew nazzjonali.

Fl-2024, total ta' 12 093 esportatur kienu qed jużaw awtorizzazzjonijiet tal-UE ġenerali għall-esportazzjoni, li minnhom, 50 % kienu qed jużaw l-EU001, u 37 % tal-esportaturi kienu qed jużaw awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni nazzjonali. Fir-rigward tan-notifiki jew tar-reġistrazzjonijiet tal-ewwel użu fl-2024, iċ-ċifri kienu ta' 1 044 għall-GEA tal-UE (45 % għall-EU001) u 644 għall-GEA nazzjonali.




*Illustrazzjoni 18: Esportaturi rreġistrati jew notifikati biex jużaw awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-UE u nazzjonali*

## 5. DATA DWAR OĠĠETTI B'UŻU DOPPJU KKLASSIFIKATI BĦALA OĠĠETTI TAĊ-ĊIBERSORVELJANZA SKONT L-ARTIKOLU 2(20) TAR-REGOLAMENT

Fl-2024, l-Istati Membri rċevew total ta' 320 applikazzjoni (l-Illustrazzjoni 19) għall-esportazzjoni ta' oġġetti taċ-ċibersorveljanza, l-aktar fir-rigward ta' sistemi ta' interċettazzjoni tat-telekomunikazzjoni (233 applikazzjoni), segwiti minn software għall-monitoraġġ tal-

[34] F'konformità mad-dispożizzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-UE fl-Anness II tar-Regolament, *l-esportatur li juża din l-awtorizzazzjoni għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn l-esportatur huwa residenti jew stabbilit dwar l-ewwel użu ta' din l-awtorizzazzjoni fi żmien 30 ġurnata mid-data li fiha tkun saret l-ewwel esportazzjoni jew, alternattivament, u bi qbil ma' rekwiżit mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn l-esportatur ikun residenti jew stabbilit, qabel l-ewwel użu ta' din l-awtorizzazzjoni. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmu ta' notifika magħżul għal din l-awtorizzazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-informazzjoni nnotifikata lilha fis-serje C ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

komunikazzjoni (46 applikazzjoni), u software ta' intrużjoni (18-il applikazzjoni). L-Illustrazzjonijiet 20.1 u 20.2 juru l-71 destinazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-esportazzjoni ta' oġġetti taċ-ċibersorveljanza. Fl-2024, inħarġu 293 awtorizzazzjoni u 13 ġew miċħuda. Dan juri għadd pjuttost stabbli ta' liċenzji għall-oġġetti taċ-ċibersorveljanza (330 liċenzja maħruġa fl-2023), li jindika tmiem tax-xejra 'l fuq osservata mill-2020. L-għadd ta' ċaħdiet għall-esportazzjoni ta' oġġetti taċ-ċibersorveljanza[35] deher li kien qed jonqos (20 ċaħda fl-2023).




*Illustrazzjoni 19: Applikazzjonijiet għall-esportazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċibersorveljanza*[36]




[35] Aktar informazzjoni dwar l-oġġetti taċ-ċibersorveljanza tista' tinstab fil-Linji Gwida tas-16 ta' Ottubru 2024, kif imsemmi fin-nota 7 f'qiegħ il-paġna.

[36] Innota li l-Artikolu 11 tar-Regolament jirrikjedi wkoll liċenzji maħruġa mill-Istati Membri fil-każ ta' esportazzjonijiet intra-UE ta' oġġetti taċ-ċibersorveljanza speċifiċi elenkati fl-Anness IV tar-Regolament.

*Illustrazzjoni 20.1: Applikazzjonijiet għall-esportazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċibersorveljanza skont id-destinazzjoni*

**Applikazzjonijiet għall-esportazzjoni ta' oġġetti taċ-ċibersorveljanza skont id-destinazzjoni**

| | | | |
|---|---|---|---|
| AE | L-Emirati Għarab Magħquda | LA | Il-Laos |
| AL | L-Albanija | LY | Il-Libja |
| AM | L-Armenja | MA | Il-Marokk |
| AR | L-Arġentina | MD | Il-Moldova |
| AU | L-Awstralja | MN | Il-Mongolja |
| AZ | L-Ażerbajġan | MX | Il-Messiku |
| BA | Il-Bożnija-Ħerzegovina | MY | Il-Malażja |
| BB | Barbados | MZ | Il-Mozambique |
| BD | Il-Bangladesh | NA | In-Namibja |
| BI | Il-Burundi | NG | In-Niġerja |
| BJ | Il-Benin | NO | In-Norveġja |
| BN | Il-Brunei | NZ | New Zealand |
| BR | Il-Brażil | OM | L-Oman |
| BW | Il-Botswana | PH | Il-Filippini |
| CA | Il-Kanada | PK | Il-Pakistan |
| CH | L-Iżvizzera | QA | Il-Qatar |
| CI | Il-Kosta tal-Avorju | RS | Is-Serbja |
| CL | Iċ-Ċili | RW | Ir-Rwanda |
| CO | Il-Kolombja | SG | Singapore |
| DO | Ir-Repubblika Dominicana | SO | Is-Somalja |
| DZ | L-Alġerija | SR | Is-Suriname |
| EG | L-Eġittu | TH | It-Tajlandja |
| GB | Ir-Renju Unit | TL | Timor Leste |
| GE | Il-Georgia | TM | It-Turkmenistan |
| GH | Il-Ghana | TR | It-Turkija |
| GN | Il-Guinea | TT | Trinidad u Tobago |
| HN | Il-Honduras | TW | It-Tajwan |
| ID | L-Indoneżja | TZ | It-Tanżanija |
| IL | Iżrael | UA | L-Ukrajna |
| IN | L-Indja | UG | L-Uganda |
| IQ | L-Iraq | US | L-Istati Uniti tal-Amerka |
| JM | Il-Ġamajka | UZ | L-Użbekistan |
| JO | Il-Ġordan | VN | Il-Vjetnam |
| JP | Il-Ġappun | ZA | L-Afrika t'Isfel |
| KH | Il-Kambodja (Kampuchea) | ZM | Iż-Żambja |
| KZ | Il-Każakistan | | |

*Illustrazzjoni 20.2: Applikazzjonijiet għall-esportazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċibersorveljanza skont id-destinazzjoni*

## 6. INFORMAZZJONI DWAR L-AMMINISTRAZZJONI U L-INFURZAR

L-Istati Membri kkomunikaw l-informazzjoni li ġejja dwar l-amministrazzjoni u l-infurzar tar-Regolament fl-2024:

a) l-għadd ta' persunal (ekwivalenti ta' ingaġġ full-time) involut direttament fl-amministrazzjoni tal-kontrolli fl-UE: 415;

b) l-għadd ta' avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni organizzati fis-sena ta' referenza: 154;

c) l-għadd ta' awditi tal-konformità mwettqa fis-sena, inklużi dawk imwettqa mid-dwana jew minn aġenziji oħrajn: 1 353;

d) l-għadd ta' każijiet ta' ksur irrapportati: 270;

e) l-għadd ta' penali jew multi amministrattivi u kriminali imposti (minn kwalunkwe aġenzija tal-infurzar nazzjonali rilevanti) f'każ ta' ksur tar-regolamenti dwar il-kontroll tal-esportazzjoni: 144; u

f) l-użu ta' għodod ta' kontroll tal-esportazzjoni:

– l-Istati Membri li jużaw sistema ta' Liċenzjar elettroniku[37]: 19;

– l-Istati Membri li jużaw għodod ta' klassifikazzjoni[38]: 4; u

– L-Istati Membri li jużaw għodod oħrajn jew software ieħor biex jappoġġaw l-applikazzjoni tal-kontrolli: 9.

[37] Il-liċenzjar elettroniku huwa pjattaforma bbażata fuq il-web biex jintalbu awtorizzazzjonijiet għall-esportazzjoni, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju, bħas-software u t-teknoloġija.
[38] Tali għodod jistgħu jgħinu lill-esportaturi u lill-awtoritajiet nazzjonali jikklassifikaw l-oġġetti.